MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 7/2011

**Starfruit Limited – C-17985**

**vs**

**Elton Bowell**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta’ mija u tmienja u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€158.80c) rapprezentanti xoghol li l-konvenut xtara bejn Settembru u Dicembru 2010 ta’ frott, liema ammont huwa naqas li jhallas anke wara li gie interpellat li jhallas b’ittra legali.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezenti kontra l-konvenut, illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta’ mija tmienja u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€158.80c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------